

31990L0364

L 180/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

13.7.1990

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**  
**tat-28 ta' Ġunju 1990**  
**dwar id-dritt ta' residenza**

(90/364/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>;

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>;

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi l-Artikolu 3(ċ) tat-Trattat jipprovdi li l-attivitajiet tal-Komunità għandhom jinkludu, kif provdut fit-Trattat, l-abolizzjoni ta' ostakli għall-moviment liberu għall-persuni bejn l-Istati Membri;

Billi l-Artikolu 8a tat-Trattat jipprovdi li s-suq intern għandu jkun stabbilit sal-31 ta' Diċembru 1992; billi s-suq intern jikkonsisti f'żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment liberu tal-merkanzija, il-persuni, is-servizzi u l-kapital huwa assigurat skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattat;

Billi dispożizzjonijiet nazzjonali dwar id-dritt ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li jirrisjedu fi Stat Membru li mhux dak tagħhom għandhom ikunu armonizzati sabiex ikun assigurat dan il-moviment liberu;

Billi l-benefiċjarji tad-dritt ta' residenza ma għandhomx isiru piż irraġjonevoli fuq il-finanzi pubbliċi ta' l-Istat Membru ospitanti;

Billi dan id-dritt jista' jkun eżerċitat ġenwinament biss jekk dan jingħata wkoll lill-membri tal-familja;

Billi l-benefiċjarji ta' din id-Direttiva għandhom ikunu koperti minn arranġamenti amministrattivi simili għal dawk stipulati partikolarment fid-Direttiva 68/360/KEE <sup>(4)</sup> u d-Direttiva 64/221/KEE <sup>(5)</sup>;

Billi t-Trattat ma jipprovdi, għall-azzjoni kkonċernata, setgħat barra minn dawk ta' l-Artikolu 235,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu d-dritt ta' residenza liċ-ċittadini ta' Stati Membri li ma jgawdux minn dan id-dritt taħt dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-Komunità u lill-membri tal-familji tagħhom kif definit fil-paragrafu 2, basta li huma nfushom u l-membri tal-familji tagħhom ikunu koperti b'assigurazzjoni għall-mard fir-rigward tar-riskji kollha fl-Istat Membru ospitanti u li jkollhom riżorsi biżżejjed sabiex jevitaw li jsiru piż fuq is-sistema ta' l-assistenza soċjali ta' l-Istat Membru ospitanti matul il-perjodu ta' residenza tagħhom.

Ir-riżorsi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jitqiesu biżżejjed fejn dawn ikunu ogħla mill-livell ta' riżorsi li minnu l' isfel l-Istat Membru ospitanti jista' jagħti assistenza soċjali liċ-ċittadini tiegħu, b'konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi personali ta' l-applikant u, fejn ikun xieraq, iċ-ċirkostanzi personali tal-persuni ammessi skond il-paragrafu 2.

Fejn it-tieni subparagrafu ma jkunx jista' jiġi applikat fi Stat Membru, ir-riżorsi ta' l-applikant għandhom jitqiesu biżżejjed jekk dawn ikunu ogħla mill-livell tal-pensjoni minima tas-sigurtà soċjali mħallsa mill-Istat Membru ospitanti.

<sup>(1)</sup> ĠU C 191, tat-28.7.1989, pġ. 5; u ĠU C 26, tat-3.2.1990, pġ. 22.

<sup>(2)</sup> L-opinjoni mogħtija fit-13 ta' Ġunju 1990 (għadha m'hix ippubbli-kata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(3)</sup> ĠU C 191, tat-30.12.1989, pġ. 25.

<sup>(4)</sup> ĠU L 257, tad-19.10.1968, pġ. 13.

<sup>(5)</sup> ĠU C 56, ta' 1-4.4.1964, pġ. 850/64.

2. Is-segwenti għandhom, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, ikollhom id-dritt li jstabbilixxu ruħhom fi Stat Membru ieħor mad-detentur tad-dritt ta' residenza:

- (a) il-mara jew ir-raġel tiegħu/tagħha u d-dixxendenti tagħhom li huma dipendenti;
- (b) qraba dipendenti fil-linja ta' l-axxendenti tad-detentur tad-dritt ta' residenza u l-mara jew ir-raġel tiegħu/tagħha.

#### Artikolu 2

1. L-eżerċizzju tad-dritt ta' residenza għandu jkun ippruvat permezz tal-ħruġ ta' dokument magħruf bħala "Permess ta' residenza għal ċittadin ta' Stat Membru tal-KEE", li l-validità tiegħu tista' tkun limitata għal ħames snin fuq bażi rinnovabbli. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu, meta huma jqisu li dan huwa meħtieġ, jitolbu t-tiġdid tal-validità tal-permess fit-tmiem ta' l-ewwel sentejn ta' residenza. Meta membru tal-familja ma jkunx ċittadin ta' Stat Membru, dan għandu jinħariġlu dokument ta' residenza ta' l-istess validità bħal dak maħruġ liċ-ċittadin li fuqu huwa jiddependi.

Għall-iskop tal-ħruġ tal-permess jew dokument ta' residenza, l-Istat Membru jista' jitlob biss li l-applikant jippreżenta karta ta' l-identità valida jew passaport validu u jipprovi prova li huwa jew hija t/jissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 1.

2. L-Artikoli 2, 3, 6 (1) (a) u (2) u l-Artikolu 9 tad-Direttiva 68/360/KEE għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-benefiċjarji ta' din id-Direttiva.

Il-mara jew ir-raġel u t-fal dipendenti ta' ċittadin ta' Stat Membru li huwa ntitolat għad-dritt ta' residenza fit-territorju ta' Stat Membru għandhom ikunu ntitolati li jidħlu għal kull attività ta' mpjieg jew li jaħdmu għal rashom kull fejn ikunu fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, anke jekk huma m'humiex ċittadini ta' Stat Membru.

L-Istati Membri m'għandhomx jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ħliet għal raġunijiet ta' politika pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika. F'dak il-każ, id-Direttiva 64/221/KEE għandha tapplika.

3. Din id-Direttiva m'għandhiex taffetwa l-liġi eżistenti dwar l-akkwist tat-tieni dar.

#### Artikolu 3

Id-dritt ta' residenza għandu jibqa' sakemm il-benefiċjarji ta' dak id-dritt jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 1.

#### Artikolu 4

Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard minn tliet snin mid-data ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, u f'intervalli ta' tliet snin wara dan, tfassal rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tissottomettih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

#### Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1992. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih b'dan.

#### Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fit-28 ta' Ġunju 1990.

*għall-Kunsill*

*Il-President*

M. GEOGHEGAN-QUINN